Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/2061(INI)

06.11.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar l-implimentazzjoni tar-reġim ta' kundizzjonalità tal-istat tad-dritt
(2025/2061(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Michał Wawrykiewicz

PA_NonLeg

EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern għandu jippreżenta dan li ġej lill-Kumitat għall-Baġits u lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitati responsabbli:

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2025 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 (COM(2025)0565) (abbozz ta' regolament dwar il-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali (FNSR)),

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' April 2024 dwar is-seduti ta' smigħ li għaddejjin skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE rigward l-Ungerija biex jissaħħaħ l-istat tad-dritt u l-implikazzjonijiet baġitarji tiegħu*[1a]*,

[1a] ***ĠU C, C/2025/3705, 17.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3705/oj.***

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kunsiderazzjoni 12b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2024 dwar is-sitwazzjoni fl-Ungerija u l-fondi ffriżati tal-UE*[1a]*,
	[1a] ĠU C, C/2024/5742, 17.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5742/oj.

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni*[1a]*,
	[1a] ĠU C 125, 5.4.2023, p. 463.

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2022 dwar l-istat tad-dritt u l-konsegwenzi tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea*[1a]*,
	[1a] ĠU C 347, 9.9.2022, p. 168.

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu tal-UE dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali[1a],
	[1a] ĠU C 395, 29.9.2021, p. 2.

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2018 dwar proposta li titlob lill-Kunsill jiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni[1a],
	[1a] ĠU C 433, 23.12.2019, p. 66.

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2022 dwar is-seduti ta' smigħ li għaddejjin bħalissa skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE fir-rigward tal-Polonja u l-Ungerija[1a],

[1a] ***ĠU C 465, 6.12.2022, p. 147.***

Emenda 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-ksur tal-Istat tad-Dritt u tad-drittijiet fundamentali fl-Ungerija u l-fondi tal-UE ffriżati tal-UE*[1a]*,
	[1a] ĠU C, C/2023/1223, 21.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/1223/oj.

Emenda 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 19a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-azzjoni mressqa mill-Parlament kontra l-Kummissjoni fil-25 ta' Marzu 2024 fil-Kawża C-225/24 li titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2023)9014 annwali tat-13 ta' Diċembru 2023*[1a]*,
	[1a] ĠU C, C/2024/3063, 13.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/3063/oj.

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-	– wara li kkunsidra l-

osservazzjonijiet tal-missjonijiet ta' tiftix tal-fatti tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu fl-Ungerija mill-15 sas-17 ta' Mejju 2023 u fis-Slovakkja mis-26 sat-28 ta' Mejju 2025,	osservazzjonijiet tal-missjonijiet ta' tiftix tal-fatti tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu fl-Ungerija mill-15 sas-17 ta' Mejju 2023 u fis-Slovakkja mis-26 sat-28 ta' Mejju 2025 ***u tal-missjoni ta' tiftix tal-fatti tal-Kumitat għal-Liberatjiet Ċivili**, **il-Ġustizzja u l-Intern fl-Ungerija mill-14 sas-16 ta' April 2025 u tal-missjoni ta' tiftix tal-fatti tal-Grupp ta' Monitoraġġ dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali (DRFMG) fis-Slovakkja mit-2 sat-3 ta' Ġunju 2025;***

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 29a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-istudju mitlub mill-Kumitat tiegħu għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern intitolat "Enforcement of EU law in the Area of Freedom, Security and Justice" (L-infurzar tad-dritt tal-Unjoni fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja)[1a]***, ippubblikat f'Jannar 2024 mid-Direttorat Ġenerali tiegħu għall-Politiki Interni,***

[1a] ***Studju – "Enforcement of EU law in the Area of Freedom, Security and Justice" (L-infurzar tad-dritt tal-Unjoni fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja), Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali, Jannar 2024.***

Emenda 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

A. billi l-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-TUE; billi dawn il-valuri huma ***riflessi fid-drittijiet fundamentali spjegati fil-Karta, bħall-ugwaljanza bejn in-nisa*** u ***l-irġiel, in-nondiskriminazzjoni,*** u ***d-dritt ta' negozjar u ta' azzjoni kollettivi***, ***f'konformità mad-dritt tal-Unjoni*** u ***mal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali, u inkorporati fit-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; billi l-aderenza ma' dawn il-valuri kondiviżi tikkostitwixxi l-pedament tad-drittijiet li jgawdu dawk*** li jgħixu fl-UE;

A. billi l-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-TUE; billi dawn il-valuri huma ***komuni għall-Istati Membri*** u ***huma riflessi*** u ***inkorporati fit-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; billi d-demokrazija***, ***l-istat tad-dritt*** u ***d-drittijiet fundamentali huma valuri li jsaħħu lil xulxin, li, meta jiġu mminati, joħolqu theddida sistemika għad-drittijiet u l-libertajiet tan-nies*** li jgħixu fl-UE;

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità jagħti s-setgħa ***lill-UE*** li ***tadotta*** miżuri finanzjarji proporzjonati biex ***tissalvagwardja l-interessi finanzjarji tagħha fejn il-ksur*** tal-istat tad-dritt fi Stat Membru jaffettwa, jew jirriskja li jaffettwa serjament, il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-UE; billi dan ġie adottat bħala parti mill-pakkett dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) tal-2021-2027, wara negozjati twal u diffiċili bejn il-koleġiżlaturi, b'mod partikolari minħabba tentattivi minn xi Stati Membri biex jorbtu n-negozjati dwar il-QFP man-negozjati dwar il-mekkaniżmu tal-kundizzjonalità tal-istat tad-dritt; billi dan ilu vinkolanti għall-Istati Membri kollha mid-dħul fis-seħħ tiegħu fl-1 ta' Jannar 2021;	D. billi r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità jagħti s-setgħa ***lill-Kunsill li jadotta, abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni u filwaqt*** li ***jinforma lill-Parlament,*** miżuri finanzjarji proporzjonati biex ***jipproteġi l-baġit tal-UE kontra l-ksur tal-prinċipji*** tal-istat tad-dritt fi Stat Membru jaffettwa, jew jirriskja li jaffettwa serjament, il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-UE ***jew l-interessi finanzjari tal-UE***; billi dan ġie adottat bħala parti mill-pakkett dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) tal-2021-2027, wara negozjati twal u diffiċili bejn il-koleġiżlaturi, b'mod partikolari minħabba tentattivi minn xi Stati Membri biex jorbtu n-negozjati dwar il-QFP man-negozjati dwar il-mekkaniżmu tal-kundizzjonalità tal-istat tad-dritt; billi dan ilu vinkolanti għall-Istati Membri kollha mid-dħul fis-seħħ tiegħu fl-1 ta' Jannar 2021; ***billi l-QFP 2028-2024 għandu jiżgura li***

kwalunkwe mekkaniżmu ġdid jiġi mfassal b'tali mod li jkun konsistenti mal-kundizzjonalità tal-istat tad-dritt;

Emenda 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi t-tibdil kostituzzjonali li jdgħajjef l-indipendenza tal-media jew il-libertà tal-espressjoni, u jnaqqar is-sistema ta' kontrokontrolli, jikkostitwixxi theddida diretta għall-valuri stipulati fl-Artikolu 2 tat-TUE u għandu impatt konkret fuq il-protezzjoni tal-baġit tal-UE billi jħassar l-ambjent għal sorveljanza trasparenti tal-fondi tal-UE;

Emenda 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fb. billi f'Diċembru 2022, ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità ġie skattat għall-ewwel darba fir-rigward tal-Ungerija, u dan wassal għal sospensjoni ta' EUR 6,3 biljun f'fondi ta' koeżjoni u għal projbizzjoni fuq id-dħul f'impenji legali ġodda ma' trusts u entitajiet ta' interess pubbliku Ungeriżi miżmuma minnhom, minħabba ksur sistemiku tal-istat tad-dritt li rriskja li jipperikola l-baġit tal-UE u l-interessi finanzjarji tal-UE, inklużi limitazzjonijiet għall-indipendenza tal-ġudikatura u l-prosekuzzjoni pubblika, u riskji relatati mal-korruzzjoni u nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-akkwist pubbliku u r-rwol tat-trusts ta' interess pubbliku msemmija hawn fuq;

Emenda 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-Kummissjoni ħarġet rapport f'Jannar 2024, skont l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, biex tevalwa l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; billi l-analiżi tal-Kummissjoni tal-uniku każ disponibbli kkonfermat l-effettività tal-miżuri protettivi adottati u l-potenzjal tagħhom 'il quddiem, iżda l-Kummissjoni sabet li kien kmieni wisq biex wieħed jasal għal konklużjonijiet definittivi, u li prattika ta' każ aktar estensiva tippermetti li jiġi identifikat aħjar it-titjib possibbli;	G. billi l-Kummissjoni ħarġet rapport f'Jannar 2024, skont l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, biex tevalwa l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; billi l-analiżi tal-Kummissjoni tal-uniku każ disponibbli kkonfermat l-effettività tal-miżuri protettivi adottati u l-potenzjal tagħhom 'il quddiem, iżda l-Kummissjoni sabet li kien kmieni wisq biex wieħed jasal għal konklużjonijiet definittivi, u li prattika ta' każ aktar estensiva tippermetti li jiġi identifikat aħjar it-titjib possibbli; ***billi l-evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni turi li, skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, il-limiti ta' żmien għall-Kummissjoni jippermettu ftit flessibbiltà u f'ċerti fażijiet huma ta' sfida partikolari; billi, fil-każ tal-Ungerija, ir-rapport jilqa' fit-tul il-progress li nkiseb skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, iżda ma jissottolinjax b'mod suffiċjenti sa' liema punt l-isfidi baqgħu mhux solvuti;***

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-għan ta' dan ir-rapport huwa li jiskrutinizza l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, skont ir-rwol tal-Parlament kif stabbilit fir-Regolament, billi jindika l-benefiċċji u n-nuqqasijiet tal-applikazzjoni tiegħu, u billi joħroġ rakkomandazzjonijiet għall-implimentazzjoni futura tiegħu;	I. billi l-għan ta' dan ir-rapport huwa li jiskrutinizza l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, skont ir-rwol tal-Parlament kif stabbilit fir-Regolament, billi jindika l-benefiċċji u n-nuqqasijiet tal-applikazzjoni tiegħu, u billi joħroġ rakkomandazzjonijiet għall-implimentazzjoni futura tiegħu***, kif ukoll jivvaluta l-koerenza u l-effettività tar-reġim ta' kundizzjonalità flimkien ma'***

strumenti oħra fis-sett ta' għodod tal-istat tad-dritt, bħar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni u s-"superstadji importanti" relatati mal-istat tad-dritt skont l-RRF;

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jilqa' ***l-affermazzjoni*** mill-QĠUE li r-rispett għall-valuri ***stabbiliti*** fl-Artikolu 2 tat-TUE huwa obbligu kontinwu ***wara l-adeżjoni tal-UE*** u prekundizzjoni biex wieħed igawdi d-drittijiet u l-benefiċċji kollha tat-Trattat li jirriżultaw mis-sħubija fl-UE, inkluż l-aċċess għall-fondi tal-UE; jagħti istruzzjonijiet lill-Kummissjoni biex tenfasizza dan il-punt fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' infurzar tagħha;	3. Jilqa' ***l-konferma*** mill-QĠUE li r-rispett għall-valuri ***minquxa*** fl-Artikolu 2 tat-TUE huwa obbligu kontinwu ***għall-Istati Membri kollha*** u prekundizzjoni biex wieħed igawdi d-drittijiet u l-benefiċċji kollha tat-Trattat li jirriżultaw mis-sħubija fl-UE, inkluż l-aċċess għall-fondi tal-UE; jagħti istruzzjonijiet lill-Kummissjoni biex tenfasizza dan il-punt fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' infurzar tagħha[1a]; ***jissottolinja li dan għandu jiġi mfakkar b'mod aktar frekwenti, minħabba li jsaħħaħ il-kredibbiltà tal-UE, u jisħaq li l-impatti tan-nuqqas ta' konformità jridu wkoll jiġu ssottolinjati b'mod konsistenti;***
	[1a] Il-prinċipju ta' nonrigressjoni; opinjoni tal-Avukat Ġenerali Campos Sánchez-Bordona, mogħtija fit-2 ta' Diċembru 2021 fil-Kawża C-156/21, L-Ungerija vs Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, ECLI:EU:C:2021:974, punt 214.

Emenda 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jilqa' l-fatt li l-QĠUE enfasizzat li l-baġit tal-UE huwa għodda ewlenija għat-twettiq tal-prinċipju tas-solidarjetà

	minqux fl-Artikolu 2 tat-TUE – wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-UE*[1a]*; itenni li s-solidarjetà tinkiseb permezz tal-kondiviżjoni tar-riżorsi finanzjarji u tibbaża fuq il-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri, li tippresupponi li kull Stat Membru juża fondi komuni b'mod responsabbli u jibqa' impenjat li jissodisfa l-obbligi tiegħu skont id-dritt tal-UE, inkluż ir-rispett tal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, b'mod partikolari l-istat tad-dritt;* [1a] ***Il-Kawża C-156/21 tal-QĠUE, ikkwotata hawn fuq, punt 129.

Emenda 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jisħaq li ***dawn l-istrumenti ta' finanzjament*** ma ***għandhomx*** jitqiesu bħala sostituti għall-mekkaniżmi bbażati fuq it-Trattat għas-salvagwardja tal-valuri ***stabbiliti*** fl-Artikolu 2 tat-TUE, u jfakkar li s-sospensjoni tad-drittijiet tal-vot skont l-Artikolu 7(2) tat-TUE tibqa' għażla f'każijiet ta' ksur persistenti u serju tal-istat tad-dritt;	4. Jisħaq li ***r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità u strumenti baġitarji oħra*** ma ***jridux*** jitqiesu bħala sostituti għall-mekkaniżmi bbażati fuq it-Trattat għas-salvagwardja tal-valuri ***minquxa*** fl-Artikolu 2 tat-TUE, u jfakkar li s-sospensjoni tad-drittijiet ***li jiġu mill-applikazzjoni tat-Trattati, inklużi iżda mhux limitati għad-drittijiet*** tal-vot***,*** skont l-Artikolu 7(2) tat-TUE tibqa' għażla f'każijiet ta' ksur persistenti u serju tal-istat tad-dritt***, u li dan il-mekkaniżmu, għaldaqstant, ma "jevitax" il-proċedura tal-Artikolu 7 tat-TUE, iżda għandu jitqies bħala element li jikkomplementaha***;

Emenda 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

5. Ifakkar li s-"sett ta' għodod tal-istat tad-dritt" tal-Kummissjoni evolva b'mod konsiderevoli matul l-aħħar għaxar snin, bl-inklużjoni ta' strumenti multipli għall-protezzjoni tal-istat tad-dritt, inkluż ir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt li jkopri s-27 Stat Membru kollha, il-kundizzjoni abilitanti orizzontali fuq il-Karta skont ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni, u l-hekk imsejħa superstadji importanti relatati mal-istat tad-dritt skont l-RRF;	5. Ifakkar li s-"sett ta' għodod tal-istat tad-dritt" tal-Kummissjoni evolva b'mod konsiderevoli matul l-aħħar għaxar snin, bl-inklużjoni ta' strumenti multipli għall-protezzjoni tal-istat tad-dritt, inkluż ir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt li jkopri s-27 Stat Membru kollha, il-kundizzjoni abilitanti orizzontali fuq il-Karta skont ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni, u l-hekk imsejħa superstadji importanti relatati mal-istat tad-dritt skont l-RRF; ***jissottolinja li, filwaqt li l-evoluzzjoni tas-sett ta' għodod ġabet magħha xi progress, għadha ma wasslitx għal riżultati tanġibbli biżżejjed, l-aktar minħabba r-rieda politika limitata li jintuża kemm jista' jkun;***

Emenda 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jisħaq li r-reġim ta' kundizzjonalità huwa ta' natura baġitarja, peress li għandu l-għan li jissalvagwardja l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-UE u l-interessi finanzjarji tal-UE, u japplika biss meta ksur tal-istat tad-dritt jaffettwa jew jirriskja li jaffettwa b'mod serju l-baġit tal-UE; jenfasizza li ***dan*** huwa differenti ***mill-proċedura tal-Artikolu 7*** tat-TUE, li ***jippenalizza*** ksur serju u persistenti tal-valuri stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE;	6. Jisħaq li r-reġim ta' kundizzjonalità huwa ta' natura baġitarja, peress li għandu l-għan li jissalvagwardja l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-UE u l-interessi finanzjarji tal-UE, u japplika biss meta ksur tal-istat tad-dritt jaffettwa jew jirriskja li jaffettwa b'mod serju l-baġit tal-UE; jenfasizza li huwa differenti ***mill-Artikoli 7(1) u (2)*** tat-TUE, li ***jindirizzaw sitwazzjonijiet fejn hemm riskju ċar ta' ksur serju jew*** ksur serju u persistenti tal-valuri stabbiliti fl-Artikolu ***2 tat-TUE, jippermettu lill-UE tidentifika u tirrispondi għal tali riskji, inkluż billi tindirizza rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE u, fejn xieraq, billi tadotta sanzjonijiet skont l-Artikolu 7(2) u (3)*** tat-TUE;

Emenda 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissottolinja li l-azzjonijiet ta' ksur skont ***l-Artikolu*** 258 tat-TFUE u l-Artikolu 6 tar-Regolament Finanzjarju jibqgħu għodod komplementari għal ksur sistemiku tal-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE;	7. Jissottolinja li l-azzjonijiet ta' ksur skont ***l-Artikoli*** 258 ***u 260*** tat-TFUE u l-Artikolu 6 tar-Regolament Finanzjarju jibqgħu għodod komplementari għal ksur sistemiku tal-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE; ***jinnota, barra minn hekk, li s-sentenza pendenti tal-QĠUE fil-Kawża C-769/22, Il-Kummissjoni vs l-Ungerija (valuri tal-Unjoni), tista' tistabbilixxi l-Artikolu 2 tat-TUE bħala bażi legali awtonoma, u b'hekk issaħħaħ il-proċeduri ta' ksur;***

Emenda 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Jilqa'*** s-sentenzi tal-QĠUE tas-16 ta' Frar 2022 fil-Kawżi C-156/21 u C-157/21, ***li*** fl-intier tagħhom ċaħdu l-azzjonijiet mill-Ungerija u mill-Polonja għall-annullament tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità u kkonfermaw b'mod inekwivoku l-validità, il-bażi legali u l-kompatibbiltà mat-Trattat tar-Regolament, kif ukoll il-kompetenzi tal-UE dwar l-istat tad-dritt fl-Istati Membri;	8. ***Jieħu nota tal-fatt li*** s-sentenzi tal-QĠUE tas-16 ta' Frar 2022 fil-Kawżi C-156/21 u C-157/21, fl-intier tagħhom**,** ċaħdu l-azzjonijiet mill-Ungerija u mill-Polonja għall-annullament tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità u kkonfermaw b'mod inekwivoku l-validità, il-bażi legali u l-kompatibbiltà mat-Trattat tar-Regolament, kif ukoll il-kompetenzi tal-UE dwar l-istat tad-dritt fl-Istati Membri; ***jinnota wkoll li f'dawk l-istess sentenzi, il-QĠUE kkonfermat li l-valuri espressi fl-Artikolu 2 tat-TUE fihom obbligi legalment vinkolanti għall-Istati Membri;***

Emenda 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jieħu nota tal-kjarifiki addizzjonali dwar il-proċess ippruvduti mill-Kummissjoni fil-Linji Gwida tal-2022	9. Jieħu nota tal-kjarifiki addizzjonali dwar il-proċess ippruvduti mill-Kummissjoni fil-Linji Gwida tal-2022

dwar ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, u r-rieżami tal-applikazzjoni prattika tiegħu fir-rapport ta' applikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2024; ***jesprimi dispjaċir***, madankollu, ***għall-fatt*** li ***l-Linji Gwida ġew adottati fuq*** sena wara ***d-dħul*** fis-seħħ ***tar-Regolament***, u li ***dan ikkontribwixxa għal dewmien de facto fl-applikazzjoni*** tiegħu;	dwar ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, u r-rieżami tal-applikazzjoni prattika tiegħu fir-rapport ta' applikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2024; ***jiddispjaċih***, madankollu, li ***l-Kummissjoni illegalment waqqfet l-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità għal aktar minn*** sena wara ***li kien daħal*** fis-seħħ, u ***b'hekk segwiet il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew*** li ***kienu inkompatibbli mar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità u li ma kinux vinkolanti fuq il-Kummissjoni; itenni d-dispjaċir*** tiegħu ***li l-Kummissjoni adottat linji gwida għall-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità meta ma tkunx intweriet il-ħtieġa ta' tali linji gwida***;

Emenda 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jinnota li r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità huwa l-uniku strument li jirrikjedi valutazzjoni ta' jekk għodod oħra jistgħux jipproteġu b'mod aktar effettiv l-interessi finanzjarji tal-UE fil-każijiet ta' ksur tal-istat tad-dritt; iqis li jista' jkun utli li ssir riflessjoni dwar ir-rilevanza prattika u l-proporzjonalità ta' dan ir-rekwiżit fl-implimentazzjoni tiegħu;

Emenda 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jinnota li, filwaqt li l-Istati Membri għandhom identitajiet u tradizzjonijiet nazzjonali differenti, l-istat tad-dritt huwa valur komuni għall-UE u għall-Istati Membri, u jifforma parti mill-pedamenti proprji tal-UE u tal-ordni

	ġuridiku tagħha[1a]***; jinnota li l-istat tad-dritt jista' jiġi ddefinit permezz ta' sitt prinċipji, kif rikonoxxuti mill-QĠUE u mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u żviluppati mill-Kunsill tal-Ewropa, jiġifieri: (i) il-legalità, li timplika proċess trasparenti, b'obbligu ta' rendikont, demokratiku u pluralistiku għall-promulgazzjoni tal-liġijiet, (ii) iċ-ċertezza legali, (iii) il-projbizzjoni tal-eżerċitar arbitrarju tal-poter eżekuttiv, (iv) il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva mill-qrati indipendenti u imparzjali, b'rimedju ġudizzjarju effettiv, inkluż ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, (v) is-separazzjoni tal-poteri u (vi) l-ugwaljanza quddiem il-liġi;***
	[1a] ***Il-Kawża C-156/21 tal-QĠUE, ikkwotata hawn fuq, punt 128.***

Emenda 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jinnota li ksur potenzjali tal-istat tad-dritt jinġieb għall-attenzjoni tal-Kummissjoni permezz ta' bażi ta' evidenza wiesgħa, inklużi rapporti mill-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF), mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u mill-QEA, kif ukoll sottomissjonijiet minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, minn negozji u minn informaturi; jesprimi dispjaċir kbir għan-nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tal-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni li ma jwasslux għall-proposta ta' miżuri, jew li jwasslu għall-għażla ta' strument ieħor;	11. Jinnota li ksur potenzjali tal-istat tad-dritt jinġieb għall-attenzjoni tal-Kummissjoni permezz ta' bażi ta' evidenza wiesgħa, inklużi ***riżoluzzjonijiet tal-Parlament,*** rapporti mill-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF), mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u mill-QEA, kif ukoll sottomissjonijiet minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, minn negozji u minn informaturi; jesprimi dispjaċir kbir għan-nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tal-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni li ma jwasslux għall-proposta ta' miżuri, jew li jwasslu għall-għażla ta' strument ieħor;

Emenda 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jinnota li, sal-lum, għadd limitat ħafna biss ta' partijiet ikkonċernati użaw il-formola standard tal-ilmenti tal-Kummissjoni annessa mal-Linji Gwida tal-2022; jirrakkomanda li l-Kummissjoni taċċetta ***l-ilmenti*** fi kwalunkwe forma bil-miktub; jitlob, barra minn hekk, li jiġi stabbilit portal ta' rapportar kunfidenzjali li permezz tiegħu l-partijiet ikkonċernati jistgħu jindikaw nuqqas ta' konformità, u b'hekk jippermettu azzjoni ta' rimedju rapida;	12. Jinnota li, sal-lum, għadd limitat ħafna biss ta' partijiet ikkonċernati użaw il-formola standard tal-ilmenti tal-Kummissjoni annessa mal-Linji Gwida tal-2022; jirrakkomanda li l-Kummissjoni taċċetta ***lmenti*** fi kwalunkwe forma bil-miktub***, tirrikonoxxi minnufih il-wasla ta' kwalunkwe lment bħal dan filwaqt li tattribwixxi numru ta' referenza ċar għalih, u tipprovdi lill-ilmentatur aġġornament dwar is-segwitu mhux aktar tard minn sena wara s-sottomissjoni tal-ilment***; jitlob, barra minn hekk, li jiġi stabbilit portal ta' rapportar kunfidenzjali li permezz tiegħu l-partijiet ikkonċernati jistgħu jindikaw nuqqas ta' konformità, u b'hekk jippermettu azzjoni ta' rimedju rapida; ***jissottolinja l-importanza li jiżdiedu s-sensibilizzazzjoni u l-viżibbiltà tal-mekkaniżmu; iqis, barra minn hekk, li meta tirċievi lment, il-Kummissjoni tista' tieħu approċċ li jkun aktar ta' appoġġ u faċilitattiv biex tgħin tiżgura li l-ilment ikun fih l-elementi meħtieġa għall-valutazzjoni xierqa tiegħu;**

Emenda 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jesprimi dispjaċir li, minkejja sejbiet inkwetanti suċċessivi fir-rapporti annwali tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt, u mill-OLAF u mill-UPPE, li indikaw riskji baġitarji f'diversi Stati Membri, intbagħtu biss żewġ notifiki formali u l-miżuri deċiżi f'każ wieħed skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità;	13. Jesprimi dispjaċir li, minkejja sejbiet inkwetanti suċċessivi fir-rapporti annwali tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt ***kif ukoll sottomissjonijiet minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***, u mill-OLAF u mill-UPPE, li indikaw riskji baġitarji f'diversi Stati Membri, intbagħtu biss żewġ notifiki formali u l-miżuri deċiżi f'każ wieħed skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità; ***jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni aktar istituzzjonalizzata u strutturata bejn il-korpi rilevanti f'dan ir-***

	rigward, sabiex jiġi żgurat l-użu effettiv tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità; jinnota b'mod partikolari, f'dan il-kuntest, il-fatt li sejbiet serji — li l-UPPE ta informazzjoni dwarhom lill-Kummissjoni fir-rigward tal-Polonja fl-2022 u fir-rigward tas-Slovakkja fl-2023 — ma wasslu għall-ebda azzjoni skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità;

Emenda 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità jrid jiġi applikat b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u, fejn rilevanti, lill-Kunsill, jaġixxu malajr u bi trasparenza sħiħa jekk tkun ġiet stabbilita rabta bejn il-ksur tal-istat tad-dritt u r-riskji għall-baġit tal-UE u l-Istat Membru kkonċernat ma jaġixxix biex jindirizza s-sitwazzjoni b'mod effettiv u sostenibbli; ***jisħaq*** li d-djalogi informali twal ma ***għandhomx*** isiru sostitut għal azzjoni deċiżiva, u li l-imblokk politiku jew ***ir-rikatt irid jiġi evitat***;	14. Jisħaq li r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità jrid jiġi applikat b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u, fejn rilevanti, lill-Kunsill, jaġixxu malajr u bi trasparenza sħiħa jekk tkun ġiet stabbilita rabta bejn il-ksur tal-istat tad-dritt u r-riskji għall-baġit tal-UE u l-Istat Membru kkonċernat ma jaġixxix biex jindirizza s-sitwazzjoni b'mod effettiv u sostenibbli; ***jinsisti*** li d-djalogi informali twal ma ***jridux*** isiru sostitut għal azzjoni deċiżiva, u li l-imblokk politiku jew ***il-politika tar-riskju kkalkulat iridu jiġu evitati; itenni li l-istat tad-dritt, taħt l-ebda ċirkostanza, ma jista' jitqies bħala soġġett għal kompromessi politiċi;***

Emenda 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jenfasizza li l-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni jridu jkunu imparzjali u ġusti, iqisu l-fatti kollha disponibbli, u jirrispettaw il-prinċipji ta' oġġettività, nondiskriminazzjoni u ugwaljanza tal-Istati Membri qabel it-Trattati; jissottolinja li l-	15. Jenfasizza li l-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni jridu jkunu imparzjali u ġusti, iqisu l-fatti kollha disponibbli, u jirrispettaw il-prinċipji ta' oġġettività, nondiskriminazzjoni u ugwaljanza tal-Istati Membri qabel it-Trattati; jissottolinja li l-

għażla u l-iskala tal-miżuri ta' protezzjoni tal-baġit iridu jirrispettaw il-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, filwaqt li jitqiesu s-serjetà, it-tul ta' żmien u r-rikorrenza tal-ksur, il-kooperazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat u r-riskju finanzjarju konkret, kif ukoll l-impatt fuq ir-riċevituri finali u l-benefiċjarji leġittimi, b'mod partikolari dawk iżgħar; jistieden lill-Kummissjoni tiżvela l-metodoloġija kwantitattiva għall-kejl tar-riskju li diġà tapplika internament, kif irrakkomandat mill-QEA;

għażla u l-iskala tal-miżuri ta' protezzjoni tal-baġit iridu jirrispettaw il-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, filwaqt li jitqiesu s-serjetà, it-tul ta' żmien u r-rikorrenza tal-ksur, il-kooperazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat u r-riskju finanzjarju konkret, kif ukoll l-impatt fuq ir-riċevituri finali u l-benefiċjarji leġittimi, b'mod partikolari dawk iżgħar; jistieden lill-Kummissjoni tiżvela l-metodoloġija kwantitattiva għall-kejl tar-riskju li diġà tapplika internament, kif irrakkomandat mill-QEA; ***ifakkar fis-sejbiet inkwetanti tal-QEA fir-rapport speċjali 03/2024 tagħha, b'mod partikolari li l-kunsiderazzjonijiet politiċi għandhom rwol ewlieni fid-deċiżjonijiet li ma jiġux imblukkati jew rilaxxati fondi, li ntwera speċifikament mill-fatt li l-Kummissjoni, fil-passat, ma għamlitx użu mir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità fir-rigward tal-Polonja u ma għamlitx użu minnu fir-rigward tas-Slovakkja, anke fejn sabet ksur tal-istat tad-dritt relatat mal-baġit fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri fil-kuntest ta' strumenti oħra;***

Emenda 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jifhem li xi aspetti tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità jagħmluha diffiċli li jiġi skattat il-mekkaniżmu, b'mod partikolari r-rekwiżit li tintwera rabta diretta biżżejjed bejn il-ksur tal-istat tad-dritt u riskju serju ta' effett negattiv fuq il-baġit tal-UE; jisħaq, madankollu, li tali rekwiżiti ma għandhomx jintużaw bħala ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' attivazzjoni tal-mekkaniżmu;	16. Jifhem li xi aspetti tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità jagħmluha diffiċli li jiġi skattat il-mekkaniżmu, b'mod partikolari r-rekwiżit li tintwera rabta diretta biżżejjed bejn il-ksur tal-istat tad-dritt u riskju serju ta' effett negattiv fuq il-baġit tal-UE; jisħaq, madankollu, li tali rekwiżiti ma għandhomx jintużaw bħala ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' attivazzjoni tal-mekkaniżmu; ***jiddispjaċih, f'dan il-kuntest, li l-Kummissjoni tapplika l-aktar interpretazzjoni stretta tar-Regolament, li biha teskludi saħansitra ksur serju li jaffettwa l-fondi tal-UE mill-***

applikazzjoni tiegħu; itenni li r-Regolament jistabbilixxi b'mod ċar li l-periklu tal-indipendenza tal-ġudikatura u l-limitazzjoni tad-disponibbiltà u l-effettività tar-rimedji legali, inkluż permezz ta' regoli proċedurali restrittivi u n-nuqqas ta' implimentazzjoni tas-sentenzi, jikkostitwixxu ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt[1a];

[1a] ĠU C 465, 6.12.2022, p. 147.

Emenda 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jissottolinja li anke meta n-nuqqasijiet fl-istat tad-dritt ikunu ta' natura ġenerali u jaffettwaw is-sistema legali ta' Stat Membru kollu kemm hu, bħal ksur tal-indipendenza tal-ġudikatura, l-effettività tal-prosekuzzjoni, l-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar jew il-pluraliżmu tal-media, dawn in-nuqqasijiet jistgħu jaffettwaw il-baġit tal-UE b'mod dirett u sever billi jneħħu salvagwardji sistemiċi kontra attivitajiet frawdolenti u attivitajiet illegali oħra; jenfasizza li l-kunċett ta' effett dirett fuq il-baġit tal-UE ma jridx jiġi interpretat bħala li jirrestrinġi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità biss għal kwistjonijiet speċifikament relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit, bħal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku, peress li dak l-approċċ jimmotiva biss lill-atturi b'mala fide biex inaqqsu s-salvagwardji tal-istat tad-dritt b'mod aktar wiesa';

Emenda 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Ifakkar li l-kooperazzjoni ineffettiva jew imdewma ta' Stat Membru mal-UPPE jew mal-OLAF tikkostitwixxi raġunijiet għal azzjoni skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità; jisħaq, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa li jiġu żviluppati forom aktar konkreti ta' kooperazzjoni mal-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-UE biex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-UE; jitlob, barra minn hekk, li l-adeżjoni mal-UPPE tiġi stabbilita bħala kundizzjoni għall-pajjiżi kandidati li jfittxu li jissieħbu fl-UE, sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet li fihom xi Stati Membri jirrifjutaw li jieħdu sehem f'dan il-mekkaniżmu;

Emenda 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16c. Jisħaq li, bħala parti mill-isforzi tagħha biex tiżgura l-aktar protezzjoni effiċjenti tal-interessi finanzjarji tagħha, l-UE bdiet ħidma preparatorja biex tirrieżamina l-arkitettura tagħha kontra l-frodi, bil-ħsieb li ttejjeb l-effiċjenzi fost l-atturi rilevanti u tevita d-duplikazzjoni f'kull stadju taċ-ċiklu kontra l-frodi, inklużi l-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni, il-korrezzjoni u l-irkupru tal-ammonti kkonċernati; jissottolinja li din il-ħidma għandha tkun marbuta mill-qrib mal-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-komplementarjetà fis-salvagwardja tal-baġit tal-UE;

Emenda 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16d. Jinnota li, skont l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni fl-2024, il-proċedura skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità hija relattivament rapida, iżda li l-limiti ta' żmien għall-Kummissjoni ftit li xejn jippermettu flessibbiltà u f'ċerti fażijiet huma partikolarment diffiċili; jisħaq li, kif enfasizzat fir-rapport tal-Kummissjoni, l-effikaċja tal-proċedura tista' tittejjeb jekk, meta jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu lill-Kummissjoni, l-Istat Membru jressaq ukoll il-fehmiet, jekk ikun hemm, tal-entitajiet tal-gvern ikkonċernati mill-miżuri, u b'hekk jippermetti valutazzjoni aktar granulari tal-kwistjonijiet involuti u tal-miżuri li jkunu l-aktar effettivi; jisħaq li, jekk jitqies pertinenti, għandu tal-anqas ikun hemm ċarezza dwar kif dan ir-rekwiżit għandu jinftiehem u jiġi applikat;

Emenda 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li l-Kunsill iddeċieda li jissospendi 55 % tal-impenji baġitarji għal tliet programmi operazzjonali skont il-politika ta' koeżjoni għall-Ungerija; jindika l-analiżi legali[17] li turi li n-natura sistemika u persistenti tal-ksur tal-istat tad-dritt fl-Ungerija kellha twassal għal sospensjoni ferm ogħla tal-finanzjament tal-UE, sabiex jiġi protett il-baġit tal-UE f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità; jinnota li r-rivalutazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Diċembru 2023 u ta' Diċembru 2024 tas-sitwazzjoni fl-Ungerija t-tnejn li huma kkonkludew li s-sitwazzjoni li wasslet għall-adozzjoni ta' miżuri ma ġietx irrimedjata; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta u tindirizza r-rigress tal-istat tad-	17. Jinnota li l-Kunsill iddeċieda li jissospendi 55 % tal-impenji baġitarji għal tliet programmi operazzjonali skont il-politika ta' koeżjoni għall-Ungerija ***u li jipprojbixxi l-parteċipazzjoni f'impenji legali ġodda ma' trusts ta' interess pubbliku Ungeriżi u entitajiet miżmuma minnhom***; jindika l-analiżi legali[17] li turi li n-natura sistemika u persistenti tal-ksur tal-istat tad-dritt fl-Ungerija kellha twassal għal sospensjoni ferm ogħla tal-finanzjament tal-UE, sabiex jiġi protett il-baġit tal-UE f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità; jinnota li r-rivalutazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Diċembru 2023 u ta' Diċembru 2024 tas-sitwazzjoni fl-Ungerija t-tnejn li huma

dritt jew billi tipproponi miżuri addizzjonali jew billi taġġorna dawk eżistenti;	kkonkludew li s-sitwazzjoni li wasslet għall-adozzjoni ta' miżuri ma ġietx irrimedjata; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta u tindirizza r-rigress tal-istat tad-dritt jew billi tipproponi miżuri addizzjonali jew billi taġġorna dawk eżistenti ***biex iġġibhom f'konformità mal-analiżi legali msemmija hawn fuq***;
[17] Studju mitlub minn Daniel Freund, MEP fil-grupp tal-Verts/ALE – Lane Scheppele, K., Kelmen, R. D., Morijn, J., "Freezing all EU funds to Hungary: Analiżi legali tar-raġuni għaliex sospensjoni ta' 100 % hija "proporzjonata" u "xierqa" skont ir-Regolament 2020/2092 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni", Mejju 2022.	[17] Studju mitlub minn Daniel Freund, MEP fil-grupp tal-Verts/ALE – Lane Scheppele, K., Kelmen, R. D., Morijn, J., "Freezing all EU funds to Hungary: Analiżi legali tar-raġuni għaliex sospensjoni ta' 100 % hija "proporzjonata" u "xierqa" skont ir-Regolament 2020/2092 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni", Mejju 2022.

Emenda 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Ifakkar li r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità jiddikjara b'mod espliċitu li jikkomplementa l-għodod eżistenti għall-protezzjoni tal-baġit u li għandu jiġi applikat "fejn proċeduri oħra stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma jippermettux li l-baġit tal-Unjoni jiġi protett b'mod aktar effettiv"; jesprimi dispjaċir għall-interpretazzjoni tal-Kummissjoni li, abbażi ta' din il-formulazzjoni, l-istrument għandu jintuża biss bħala miżura tal-aħħar għażla; jinnota bi tħassib li l-monitoraġġ tal-istat tad-dritt fi ħdan il-Kummissjoni huwa maqsum bejn servizzi differenti, u xi drabi dan jirriżulta f'azzjoni inkonsistenti u mdewma;	20. Ifakkar li r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità jiddikjara b'mod espliċitu li jikkomplementa l-għodod eżistenti għall-protezzjoni tal-baġit u li għandu jiġi applikat "fejn proċeduri oħra stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma jippermettux li l-baġit tal-Unjoni jiġi protett b'mod aktar effettiv"; jesprimi dispjaċir għall-interpretazzjoni tal-Kummissjoni li, abbażi ta' din il-formulazzjoni, l-istrument għandu jintuża biss bħala miżura tal-aħħar għażla; jinnota bi tħassib li l-monitoraġġ tal-istat tad-dritt fi ħdan il-Kummissjoni huwa maqsum bejn servizzi differenti, u xi drabi dan jirriżulta f'azzjoni inkonsistenti u mdewma ***jew f'ebda azzjoni***;

Emenda 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Iqis li mhuwiex ċar kif ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità jinteraġixxi ma' strumenti oħra mis-sett ta' għodod tal-istat tad-dritt fil-prattika, b'mod partikolari l-kundizzjoni abilitanti orizzontali fuq il-Karta skont ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni u s-"superstadji importanti" relatati mal-istat tad-dritt skont l-RRF; jesprimi dispjaċir għall-fatt li f'Diċembru 2023, il-Kummissjoni vvalutat li l-Ungerija kienet issodisfat il-kundizzjoni abilitanti orizzontali dwar l-indipendenza ġudizzjarja, filwaqt li żammet il-miżuri imposti skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità; jissottolinja li dan in-nuqqas ta' koerenza jfixkel l-iskrutinju demokratiku tal-applikazzjoni tagħhom;	21. Iqis li mhuwiex ċar kif ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità jinteraġixxi ma' strumenti oħra mis-sett ta' għodod tal-istat tad-dritt fil-prattika, b'mod partikolari l-kundizzjoni abilitanti orizzontali fuq il-Karta skont ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni u s-"superstadji importanti" relatati mal-istat tad-dritt skont l-RRF; jesprimi dispjaċir għall-fatt li f'Diċembru 2023, il-Kummissjoni vvalutat li l-Ungerija kienet issodisfat il-kundizzjoni abilitanti orizzontali dwar l-indipendenza ġudizzjarja, filwaqt li żammet il-miżuri imposti skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità; ***jinnota wkoll, bħala eżempju, li fil-Polonja ċertu fondi ma ġewx rilaxxati minħabba li kundizzjoni abilitanti orizzontali ma kinitx ġiet issodisfata jew minħabba li s-"superstadji importanti" ma kinux intlaħqu, filwaqt li r-raġunijiet li għalihom ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità ma ġiex applikat ma ġewx dokumentati;*** jissottolinja li dan in-nuqqas ta' koerenza jfixkel l-iskrutinju demokratiku tal-applikazzjoni tagħhom; ***itenni l-pożizzjoni tiegħu li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni hija illegali, kif allegat fl-azzjoni pendenti tal-Parlament kontra l-Kummissjoni fil-Kawża C-225/24, b'mod partikolari minħabba l-ksur ta' bosta dispożizzjonijiet sostantivi tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, u d-dmir tal-Kummissjoni li tiddikjara r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha kif ukoll l-użu ħażin ta' poter tagħha fil-forma ta' kompromess politiku għat-tneħħija mill-Ungerija tal-veto tagħha fuq ċerti deċiżjonijiet urġenti li kienu jirrikjedu unanimità fil-Kunsill Ewropew;***

Emenda 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. ***Iwissi*** li ***r-riallokazzjoni jew it-tibdil ta' approprjazzjonijiet iffriżati għal programmi jew objettivi oħra jindikaw lil gvernijiet mhux konformi li t-telf jista' jiġi kkumpensat xi mkien ieħor***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tirrifjuta kwalunkwe talba għal trasferiment għal programmi jew prijoritajiet oħra taħt l-istess programm li twassal biex jiġu evitati s-sospensjonijiet skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità; jitlob li l-Kummissjoni tibgħat lill-Parlament it-test sħiħ ta' kwalunkwe tali talba ta' trasferiment sabiex l-iskrutinju demokratiku jkun jista' jippreċedi, mhux isegwi, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni;	23. ***Jisħaq*** li ***l-ebda trasferiment, bidla fil-programmi jew riorganizzazzjoni, inklużi impenji u pagamenti, ma jistgħu jintużaw biex jikkumpensaw għall-miżuri skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità jew ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tirrifjuta kwalunkwe talba għal trasferiment għal programmi jew prijoritajiet oħra taħt l-istess programm li twassal biex jiġu evitati s-sospensjonijiet skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità ***u r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni***; jitlob li l-Kummissjoni tibgħat lill-Parlament it-test sħiħ ta' kwalunkwe tali talba ta' trasferiment sabiex l-iskrutinju demokratiku jkun jista' jippreċedi, mhux isegwi, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni; ***ifakkar fl-impenn li ħadet il-Kummissjoni matul l-adozzjoni tal-pakkett rivedut tal-politika ta' koeżjoni biex tiżgura li l-mekkaniżmi l-ġodda ta' flessibbiltà ma jkunux jistgħu jintużaw biex jiġu evitati l-miżuri adottati skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità jew ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrispettaw bis-sħiħ dan l-impenn fil-prattika, sabiex jippreservaw l-effett ta' deterrent u l-integrità tal-qafas ta' kundizzjonalità tal-istat tad-dritt; jisħaq li tali trasferimenti għandhom jitqiesu bħala mhux permissibbli bħala kwistjoni ta' liġi; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm fis-seħħ salvagwardji legali għal dan l-għan, inkluż fil-qafas tal-QFP 2028-2034;***

Emenda 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	23a. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tissaħħaħ ir-rabta bejn ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport dwar l-istat tad-dritt u l-appoġġ finanzjarju skont il-QFP 2028-2034 u li, fir-rigward tal-istat tad-dritt, jiġi ġġeneralizzat il-pjan ta' azzjoni ta' "riforma għall-fondi" żviluppat skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza wara l-COVID-19 skont il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali; jisħaq li l-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet u l-parametri referenzjarji tal-istat tad-dritt skont il-QFP 2028-2034 trid tkun ibbażata fuq għarfien espert imparzjali dwar is-suġġett aktar milli ftehimiet politiċi, u li dan l-objettiv irid jiġi żgurat u ssalvagwardjat fil-proċedura għat-twettiq ta' dik l-evalwazzjoni u biex jinsiltu konklużjonijiet xierqa mill-eżitu tagħha; jinnota, f'dan il-kuntest, li d-deċiżjonijiet indirizzati lill-Istati Membri rigward il-konformità mal-prinċipji tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni bħala l-gwardjana tat-Trattati aktar milli mill-Kunsill, li jista' jsibha bi tqila li jieħu azzjoni li jkollha effett negattiv fuq l-Istati Membri; jindika li l-proċedura tal-att delegat tippermetti azzjonijiet rapidi min-naħa tal-Kummissjoni, filwaqt li tiżgura skrutinju politiku mill-Parlament u mill-Kunsill;

Emenda 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Itenni li l-Parlament jieħu r-rwol ta' skrutinju tiegħu fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità b'mod serju ħafna; jirrikonoxxi li l-Kummissjoni kkonformat mal-obbligu legali tagħha li tinforma lill-Parlament minnufih bi kwalunkwe miżura proposta, adottata jew imneħħija; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni	25. Itenni li l-Parlament jieħu r-rwol ta' skrutinju tiegħu fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità b'mod serju ħafna ***u jfakkar li, skont l-Artikolu 8 tar-Regolament, il-Kummissjoni għandha tinforma minnufih lill-Parlament dwar kwalunkwe miżura proposta, adottata jew imneħħija skont l-Artikoli 5, 6 u 7 tar-***

pprovdiet biss informazzjoni minima assoluta, mingħajr dettalji ewlenin, u, anke fuq talba tal-Parlament, ma kkondividitx id-dokumentazzjoni sħiħa; jisħaq li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni f'waqtha, komprensiva u proattiva hija essenzjali għall-Parlament biex jeżerċita r-responsabbiltajiet baġitarji u ta' sorveljanza tiegħu b'mod effettiv;	***Regolament***; jirrikonoxxi li l-Kummissjoni kkonformat mal-obbligu legali tagħha li tinforma lill-Parlament minnufih bi kwalunkwe miżura proposta, adottata jew imneħħija; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni pprovdiet biss informazzjoni minima assoluta, mingħajr dettalji ewlenin, u, anke fuq talba tal-Parlament, ma kkondividitx id-dokumentazzjoni sħiħa; jisħaq li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni f'waqtha, komprensiva u proattiva hija essenzjali għall-Parlament biex jeżerċita r-responsabbiltajiet baġitarji u ta' sorveljanza tiegħu b'mod effettiv;

Emenda 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni taqbel dwar mezz ta' komunikazzjoni sikur biex tiżgura l-aċċess għal tali informazzjoni għall-korpi tal-Parlament responsabbli, filwaqt li tissalvagwardja l-kunfidenzjalità tagħha;	***imħassar***

Emenda 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jemmen, b'mod aktar ġenerali, li d-djalogu interistituzzjonali u l-kooperazzjoni fil-livell tal-UE dwar l-istat tad-dritt għandhom jissaħħu; jiddispjaċih għall-fatt li l-Kummissjoni u l-Kunsill s'issa rrifjutaw l-offerta tiegħu li jidħlu fi ftehim interistituzzjonali dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; jafferma mill-ġdid ir-rieda tiegħu li jissokta bit-taħditiet dwar ftehim bħal dan;

Emenda 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28b. Ifakkar li, skont l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, il-Kummissjoni għandha tirrapporta sat-12 ta' Jannar 2024 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tiegħu, b'mod partikolari dwar l-effettività tal-miżuri adottati; jinnota li l-Kummissjoni wettqet dan l-eżerċizzju ta' rappurtar kif xieraq; iħeġġeġ lill-Kummissjoni — peress li r-Regolament huwa maħsub li japplika mingħajr limitu ta' żmien — tippreżenta rapport bħal dan darba fis-sena;

Emenda 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Ifakkar fid-dispożizzjonijiet speċifiċi fir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità u fil-Linji Gwida tal-2022 li jobbligaw lill-UE tissalvagwardja l-interessi leġittimi tar-riċevituri finali u tal-benefiċjarji mill-konsegwenzi finanzjarji tas-sanzjonijiet imposti fuq il-gvernijiet tagħhom; ifakkar, b'mod partikolari, fl-obbligu tal-Istati Membri soġġetti għal miżuri skont ir-Regolament li jkomplu jirrispettaw l-impenji kollha lejn ir-riċevituri finali u l-benefiċjarji;	29. Ifakkar fid-dispożizzjonijiet speċifiċi fir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità u fil-Linji Gwida tal-2022 li jobbligaw lill-UE tissalvagwardja l-interessi leġittimi tar-riċevituri finali u tal-benefiċjarji mill-konsegwenzi finanzjarji tas-sanzjonijiet imposti fuq il-gvernijiet tagħhom; ***jesprimi tħassib li s-sospensjoni tal-fondi tal-UE tista' tintuża b'mod ħażin bħala arma politika kontra s-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali;*** ifakkar, b'mod partikolari, fl-obbligu tal-Istati Membri soġġetti għal miżuri skont ir-Regolament li jkomplu jirrispettaw l-impenji kollha lejn ir-riċevituri finali u l-benefiċjarji;

Emenda 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jesprimi dispjaċir li, fil-prattika, is-salvagwardji previsti jibqgħu fil-biċċa l-kbira tagħhom teoretiċi, peress li l-proċeduri għall-pagament dirett jew għar-riprogrammar tal-fondi huma ineffiċjenti, u l-komunikazzjoni lir-riċevituri finali u lill-benefiċjarji hija sporadika; jirrikonoxxi li jeħtieġ li jsir aktar fil-livell tal-UE biex tittejjeb il-protezzjoni tal-interessi leġittimi tar-riċevituri finali u tal-benefiċjarji u biex jiġi żgurat l-aċċess tagħhom għall-finanzjament tal-UE;	30. Jesprimi dispjaċir li, fil-prattika, is-salvagwardji previsti jibqgħu fil-biċċa l-kbira tagħhom teoretiċi, peress li l-proċeduri għall-pagament dirett jew għar-riprogrammar tal-fondi huma ineffiċjenti, u l-komunikazzjoni lir-riċevituri finali u lill-benefiċjarji hija sporadika; ***jilqa' l-intenzjoni ddikjarata tal-Kummissjoni fil-proposta tagħha għall-QFP 2028-2034 li ssaħħaħ il-protezzjoni tar-riċevituri u l-benefiċjarji finali; jissottolinja, madankollu, li dan l-impenn irid jissarraf f'salvagwardji effettivi fil-prattika, u jisħaq li, minħabba n-nuqqasijiet osservati fil-qafas attwali, se jkun jeħtieġ li jiġu definiti mekkaniżmi ċari u konkreti biex jiġi żgurat li l-benefiċjarji jkunu protetti b'mod ġenwin; jesprimi tħassib li l-istruttura proposta tal-QFP 2028-2034 tista' tagħmilha saħansitra aktar diffiċli biex jiġu protetti r-riċevituri finali u l-benefiċjarji billi l-gvernijiet tal-Istati Membri jingħataw aktar kontroll fuq il-ġestjoni tal-fondi tal-UE;*** jirrikonoxxi li jeħtieġ li jsir aktar fil-livell tal-UE biex tittejjeb il-protezzjoni tal-interessi leġittimi tar-riċevituri finali u tal-benefiċjarji u biex jiġi żgurat l-aċċess tagħhom għall-finanzjament tal-UE; ***jieħu nota tal-Artikolu 15(4) tal-abbozz ta' Regolament dwar Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali (FSNR) u jisħaq li għandu jkun hemm l-obbligu li l-approprjazzjonijiet li jikkorrispondu għad-diżimpenji skont ir-reġim ta' kundizzjonalità jsiru disponibbli għall-użu taħt strumenti jew programmi oħra tal-UE implimentati taħt ġestjoni diretta jew indiretta, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu għall-appoġġ tad-demokrazija, tas-soċjetà ċivili u tal-valuri tal-Unjoni jew tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u tal-anqas parzjalment fi ħdan l-Istat Membru fejn ikun seħħ il-ksur tal-istat tad-dritt;***

Emenda 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Josserva bi tħassib li f'xi Stati Membri, l-istrutturi oligarkiċi kleptokratiċi qed jieħdu kontroll b'mod sistematiku ta' setturi strateġikament importanti, bħas-settur bankarju, tal-bejgħ bl-imnut, tal-ikel, tal-farmaċewtika, tal-kostruzzjoni u tat-teknoloġija, li jista' joħloq riskju għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE, pereżempju meta tali strutturi japplikaw għall-fondi tal-UE; jissottolinja l-importanza li jiġu ggarantiti opportunitajiet indaqs għall-applikanti kollha biex jaċċessaw kemm il-finanzjament tal-UE, kif ukoll mekkaniżmi imparzjali u effettivi għall-ilmenti;	31. Josserva bi tħassib li f'xi Stati Membri, l-istrutturi oligarkiċi kleptokratiċi qed jieħdu kontroll b'mod sistematiku ta' setturi strateġikament importanti, bħas-settur bankarju, tal-bejgħ bl-imnut, tal-ikel, tal-farmaċewtika, tal-kostruzzjoni u tat-teknoloġija, li jista' joħloq riskju għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE, pereżempju meta tali strutturi japplikaw għall-fondi tal-UE; jissottolinja l-importanza li jiġu ggarantiti opportunitajiet indaqs għall-applikanti kollha biex jaċċessaw kemm il-finanzjament tal-UE, kif ukoll mekkaniżmi imparzjali u effettivi għall-ilmenti; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq awditi sistematiċi tad-distribuzzjoni tal-fondi tal-UE biex tipprevjeni l-kunflitti ta' interess, l-istrumentalizzazzjoni politika jew l-opaċità fl-allokazzjoni tal-fondi fil-livell nazzjonali;***

Emenda 51

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Iqis***, abbażi tal-esperjenza limitata, li r-reġim ta' kundizzjonalità kien għodda effettiva*** għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE kontra r-riskji li jirriżultaw minn ksur tal-istat tad-dritt; jinsisti, ***għalhekk***, li r-reġim għadu jiġi applikat għall-baġit kollu tal-UE, inklużi strumenti bbażati fuq il-prestazzjoni, sabiex l-ebda linja tan-nefqa tal-UE ma tevita skrutinju effettiv tal-istat tad-dritt; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità jiġi applikat b'mod konsistenti għall-baġit tal-UE, irrispettivament mill-mudell ta'	32. Iqis ***li jista' jkun kmieni wisq biex isiru dikjarazzjonijiet definittivi dwar l-effettività ta' din l-għodda*** għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE kontra r-riskji li jirriżultaw minn ksur tal-istat tad-dritt ***u jisħaq li, bħal kwalunkwe strument ieħor, din l-għodda għadha tista' tittejjeb***; jinsisti, ***madankollu***, li r-reġim għadu jiġi applikat għall-baġit kollu tal-UE, inklużi strumenti bbażati fuq il-prestazzjoni, sabiex l-ebda linja tan-nefqa tal-UE ma tevita skrutinju effettiv tal-istat tad-dritt; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità

finanzjament tiegħu;	jiġi applikat b'mod konsistenti għall-baġit tal-UE, irrispettivament mill-mudell ta' finanzjament tiegħu;

Emenda 52

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi b'mod urġenti l-Linji Gwida tal-2022 sabiex: jiġi indirizzat ir-riskju ta' devjazzjoni jew riallokazzjoni tal-fondi b'mod aktar dirett; tiġi ppubblikata metodoloġija pass pass li turi kif ***tiġi kkalkolata l-proporzjonalità***; tiġi ddefinita "rabta diretta biżżejjed" bejn ksur tal-istat tad-dritt u riskju baġitarju; ikunu meħtieġa rabtiet aktar ċari bejn il-ksur u l-miżuri adottati, inkluż permezz ta' standards aktar preċiżi ta' dak il-ksur; u jiġu pprovduti soluzzjonijiet ċari u passi prattiċi għal meta jseħħ it-treġġigħ lura;	34. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi b'mod urġenti l-Linji Gwida tal-2022 sabiex: jiġi indirizzat ir-riskju ta' devjazzjoni jew riallokazzjoni tal-fondi b'mod aktar dirett; tiġi ppubblikata metodoloġija pass pass li turi kif ***il-proporzjonalità u l-effettività tal-miżuri korrettivi huma stmati jew ikkalkulati***; tiġi ddefinita "rabta diretta biżżejjed" bejn ksur tal-istat tad-dritt u riskju baġitarju***, inklużi eżempji prattiċi***; ikunu meħtieġa rabtiet aktar ċari bejn il-ksur u l-miżuri adottati, inkluż permezz ta' standards aktar preċiżi ta' dak il-ksur ***u kjarifiki tar-rekwiżiti għal monitoraġġ proattiv***; u jiġu pprovduti soluzzjonijiet ċari u passi prattiċi għal meta jseħħ it-treġġigħ lura;

Emenda 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Jistieden lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, ***tirrieżmina*** l-interpretazzjoni tagħha tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità bħala strument tal-aħħar ***għażla*** u ***biex*** tkun aktar proattiva fl-użu tiegħu, inkluża l-applikazzjoni tal-Artikolu 6(4), filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità;	35. Jistieden lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, ***telabora dwar il-valutazzjoni tagħha tal-valur miżjud u l-limitazzjonijiet rispettivi tad-diversi għodod ta' kundizzjonalità baġitarja, tirrieżamina*** l-interpretazzjoni tagħha tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità bħala strument tal-aħħar ***istanza*** u tkun aktar proattiva fl-użu tiegħu, inkluża l-applikazzjoni tal-Artikolu 6(4), filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità;

Emenda 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jitlob li l-Kummissjoni, fil-valutazzjoni tal-proporzjonalità tagħha, tqis b'mod sistematiku l-konsegwenzi għall-benefiċjarji finali, speċifikament dawk iżgħar bħal, iżda mhux limitati għal, universitajiet, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u li tirrifletti dik l-analiżi fid-dossier trażmess lill-Parlament skont l-Artikolu 8 tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità;	36. Jitlob li l-Kummissjoni, fil-valutazzjoni tal-proporzjonalità tagħha, tqis b'mod sistematiku l-konsegwenzi għall-benefiċjarji finali, speċifikament dawk iżgħar bħal, iżda mhux limitati għal, universitajiet, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u li tirrifletti dik l-analiżi fid-dossier trażmess lill-Parlament skont l-Artikolu 8 tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità***, filwaqt li tiżgura li l-bidliet meħtieġa jkunu implimentati b'mod effettiv fir-realtà għal dawn l-atturi kollha, u mhux biss b'mod teoretiku***;

Emenda 55

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Jistieden lill-Kummissjoni tirrieżamina kif tista' tissodisfa b'mod effettiv l-obbligu tagħha li tissalvagwardja l-interessi finanzjarji leġittimi tar-riċevituri finali u tal-benefiċjarji, b'mod partikolari dawk li jbatu l-konsegwenzi tan-nuqqasijiet fl-istat tad-dritt, inkluż billi tinforza d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità fir-rigward tal-obbligi tal-Istati Membri li jagħmlu pagamenti; jisħaq li kwalunkwe miżura meħuda biex jiġi żgurat li r-riċevituri finali leġittimi u l-benefiċjarji jkunu jistgħu jkomplu jaċċessaw il-finanzjament tal-UE ma għandhiex iddgħajjef l-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità; jistenna li jkun involut bis-sħiħ f'dan il-proċess;	37. Jistieden lill-Kummissjoni tirrieżamina kif tista' tissodisfa b'mod effettiv l-obbligu tagħha li tissalvagwardja l-interessi finanzjarji leġittimi tar-riċevituri finali u tal-benefiċjarji, b'mod partikolari dawk li jbatu l-konsegwenzi tan-nuqqasijiet fl-istat tad-dritt, inkluż billi tinforza d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità fir-rigward tal-obbligi tal-Istati Membri li jagħmlu pagamenti; ***jistieden lill-Kummissjoni ssib modi kif iġġib il-fondi affettwati taħt ġestjoni diretta jew kif tagħmilhom disponibbli taħt strumenti jew programmi oħra tal-UE implimentati taħt ġestjoni diretta jew ġestjoni indiretta, filwaqt li tiżgura fi kwalunkwe każ li l-gvernijiet lokali, l-organizzazzjonijiet tas-***

	soċjetà ċivili u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ma jsofrux il-konsegwenzi tas-sospensjonijiet tal-finanzjament ikkawżati mill-azzjonijiet tal-gvern nazzjonali tagħhom, u, jekk tikkonkludi li din l-għażla ma tkunx fattibbli, tispjega b'mod ċar ir-raġunijiet għal dik il-konklużjoni; jisħaq li kwalunkwe miżura meħuda biex jiġi żgurat li r-riċevituri finali leġittimi u l-benefiċjarji jkunu jistgħu jkomplu jaċċessaw il-finanzjament tal-UE ma għandhiex iddgħajjef l-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità; jistenna li jkun involut bis-sħiħ f'dan il-proċess;

Emenda 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel kontroreferenzi sistematiċi bejn il-proċedimenti ta' ksur u l-miżuri adottati skont l-Artikolu 6 tar-Regolament Finanzjarju u ***l-iskrinjar tal-kundizzjonalità pendenti***, sabiex l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jisfruttaw is-silos proċedurali u li l-interessi finanzjarji tal-UE jkunu protetti, irrispettivament mill-istrument legali użat;	38. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel kontroreferenzi sistematiċi bejn il-proċedimenti ta' ksur u l-miżuri adottati skont l-Artikolu 6 tar-Regolament Finanzjarju u ***r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, ir-Regolament dwar l-RRF u r-reġim futur ta' kundizzjonalità tal-QFP 2028-2034, kif ukoll kwalunkwe għodda rilevanti oħra***, sabiex l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jisfruttaw is-silos proċedurali u li l-interessi finanzjarji tal-UE jkunu protetti, irrispettivament mill-istrument legali użat;

Emenda 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. Jemmen li l-azzjonijiet ta' rimedju għandhom ikunu akkumpanjati minn salvagwardji biex tiġi pprevenuta, fejn	39. Jemmen li l-azzjonijiet ta' rimedju għandhom ikunu akkumpanjati minn salvagwardji biex tiġi pprevenuta, fejn

rilevanti, l-okkorrenza ta' sitwazzjonijiet simili fil-futur;	rilevanti, l-okkorrenza ta' sitwazzjonijiet simili ***jew rigress ulterjuri tal-istat tad-dritt*** fil-futur;

Emenda 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
40. Jistenna li l-Kummissjoni tieħu azzjoni konkreta biex issaħħaħ ir-rabtiet bejn ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt u l-appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-UE, kif deskritt fl-ittri ta' missjoni tal-2024 lill-Kummissarji responsabbli għall-Baġit u għall-Istat tad-Dritt; jistieden lill-Kummissjoni ssarraf ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż mir-rapporti annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt fi stadji importanti konkreti li għandhom jiġu segwiti sistematikament mill-Istati Membri u, fejn xieraq, biex iservu bħala evidenza biex jiġġustifikaw l-attivazzjoni tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità;	40. Jistenna li l-Kummissjoni tieħu azzjoni konkreta biex issaħħaħ ir-rabtiet bejn ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt u l-appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-UE, kif deskritt fl-ittri ta' missjoni tal-2024 lill-Kummissarji responsabbli għall-Baġit u għall-Istat tad-Dritt; jistieden lill-Kummissjoni ssarraf ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż mir-rapporti annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt fi stadji importanti konkreti li għandhom jiġu segwiti sistematikament mill-Istati Membri u, fejn xieraq, biex iservu bħala evidenza biex jiġġustifikaw l-attivazzjoni tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità ***u għodod oħra; jissottolinja li tali stadji importanti għandhom ikunu akkumpanjati minn skadenzi ċari, u jitlob l-iżvilupp ta' indikaturi korrispondenti***;

Emenda 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
41. Jisħaq li r-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt bħalissa huwa strutturat madwar erba' pilastri, jiġifieri: is-sistema ġudizzjarja, il-qafas kontra l-korruzzjoni, il-pluraliżmu tal-media, u kwistjonijiet istituzzjonali oħrajn relatati mas-sistema ta' kontrokontrolli; ***jirrikonoxxi*** li ġiet inkluża dimensjoni tas-suq uniku fir-	41. Jisħaq li r-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt bħalissa huwa strutturat madwar erba' pilastri, jiġifieri: is-sistema ġudizzjarja, il-qafas kontra l-korruzzjoni, il-pluraliżmu tal-media, u kwistjonijiet istituzzjonali oħrajn relatati mas-sistema ta' kontrokontrolli; ***jilqa' l-fatt*** li ġiet inkluża dimensjoni tas-suq uniku fir-

Rapport 2025 dwar l-Istat tad-Dritt biex jiġu indirizzati kwistjonijiet tal-istat tad-dritt li jaffettwaw lill-kumpaniji u lill-ħaddiema; jisħaq li sistema tal-ġustizzja li tiffunzjona, qafas b'saħħtu kontra l-korruzzjoni, pluraliżmu tal-media, kontrokontrolli adegwati***, u*** suq uniku li jiffunzjona huma ***intrinsikament marbuta mal-istat tad-dritt***;	Rapport 2025 dwar l-Istat tad-Dritt biex jiġu indirizzati kwistjonijiet tal-istat tad-dritt li jaffettwaw lill-kumpaniji u lill-ħaddiema; jisħaq li sistema tal-ġustizzja li tiffunzjona, qafas b'saħħtu kontra l-korruzzjoni, pluraliżmu tal-media, ***u*** kontrokontrolli adegwati ***huma kollha prekundizzjonijiet għal*** suq uniku li jiffunzjona***; jissottolinja li dawn il-pilastri*** huma ***kkomplementati minn sottopilastri li għandhom jiġu żviluppati aktar fejn meħtieġ***;

Emenda 60

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	41a. Jisħaq li r-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt (u b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet tiegħu) għandu jitfassal b'tali mod li jkun kompletament operattiv u li jista' jintuża direttament biex jiġi ddeterminat jekk l-attivazzjoni tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità hijiex ġustifikata; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tiċċara l-livell limitu li fih in-nuqqasijiet identifikati fir-rapport, u r-rakkomandazzjonijiet korrispondenti, jitqiesu serji biżżejjed biex jiġġustifikaw ir-rikors għal strument finanzjarju bħar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità;

Emenda 61

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
42. Jinnota li l-ksur sistematiku tal-istat tad-dritt, identifikat skont il-pilastri tar-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt, li għandu rabta diretta biżżejjed mal-protezzjoni tal-baġit tal-UE għandu jwassal għall-iskattar tal-mekkaniżmu ta'	42. Jinnota li l-ksur sistematiku tal-istat tad-dritt, identifikat skont il-pilastri tar-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt, li għandu rabta diretta biżżejjed mal-protezzjoni tal-baġit tal-UE għandu jwassal għall-iskattar tal-mekkaniżmu ta'

kundizzjonalità, b'mod partikolari f'każijiet bħal ksur, manipulazzjoni jew favoritiżmu f'sejħiet għal offerti u applikazzjonijiet li jinvolvu finanzjament mill-UE, kif ukoll fastidju amministrattiv li jikser it-trattament ugwali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tal-kumpaniji jew riċevituri finali ***u benefiċjarjiohra***, u l-aċċess tagħhom għall-fondi tal-UE;	kundizzjonalità, b'mod partikolari f'każijiet bħal ksur ***sistemiku tal-indipendenza ġudizzjarja, qafas ineffettiv kontra l-korruzzjoni, inkluża l-manipulazzjoni politika tas-servizzi ta' prosekutur pubbliku jew istituzzjonijiet supremi tal-awditjar, in-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' sentenzi jew ksur***, manipulazzjoni jew favoritiżmu f'sejħiet għal offerti u applikazzjonijiet li jinvolvu finanzjament mill-UE, kif ukoll fastidju amministrattiv li jikser it-trattament ugwali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tal-kumpaniji jew riċevituri ***u benefiċjarji*** finali ***oħra***, u l-aċċess tagħhom għall-fondi tal-UE;

Emenda 62

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
44. Jinsisti li l-prerogattivi ta' skrutinju tal-Parlament jiġu ssalvagwardjati billi jingħata s-setgħa li jimmonitorja l-konsistenza (fin-nuqqas ta') fl-applikazzjoni tar-reġim ta' kundizzjonalità, u b'hekk jiġu pprevenuti l-istrumentalizzazzjoni jew l-opaċità politiċi; jistieden lill-Kummissjoni tibgħat lill-Parlament inventarju annwali konsolidat tad-deċiżjonijiet kollha relatati mal-kundizzjonalità fl-intestaturi baġitarji fil-kuntest tal-proċedura baġitarja annwali;	44. Jinsisti li l-prerogattivi ta' skrutinju tal-Parlament jiġu ssalvagwardjati billi jingħata s-setgħa li jimmonitorja l-konsistenza (fin-nuqqas ta') fl-applikazzjoni tar-reġim ta' kundizzjonalità ***fl-ambitu tal-għodod attwali u futuri***, u b'hekk jiġu pprevenuti l-istrumentalizzazzjoni jew l-opaċità politiċi; jistieden lill-Kummissjoni tibgħat lill-Parlament inventarju annwali konsolidat tad-deċiżjonijiet kollha relatati mal-kundizzjonalità fl-intestaturi baġitarji fil-kuntest tal-proċedura baġitarja annwali;

Emenda 63

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni taqbel dwar mezz ta' komunikazzjoni sigur mal-korpi responsabbli tal-Parlament sabiex

	jiġi żgurat aċċess sħiħ għad-dokumentazzjoni, inkluż it-test sħiħ tan-notifiki bil-miktub u l-iskambji bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-Istat Membru inkwistjoni, b'mod f'waqtu, komprensiv u proattiv, filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kunfidenzjalità tiegħu;

Emenda 64

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
46. Jistieden lill-Kunsill iżomm il-proċess ibbażat fuq il-fatti u l-objettiv, u jżomm kemm jista' jkun mal-proposti tal-Kummissjoni; iħeġġeġ lill-Kunsill, barra minn hekk, ma jittrasformax il-proċess li jwassal għall-adozzjoni ta' miżuri ***f'pedina*** ta' ***negozjati***;	46. Jistieden lill-Kunsill iżomm il-proċess ibbażat fuq il-fatti u l-objettiv, u jżomm kemm jista' jkun mal-proposti tal-Kummissjoni***, u fil-każ ta' devjazzjoni minnhom, jipprovdi biżżejjed ġustifikazzjoni għal dan***; iħeġġeġ lill-Kunsill, barra minn hekk, ***biex*** ma jittrasformax il-proċess li jwassal għall-adozzjoni ta' miżuri ***f'eżerċizzju politiku ta' tfassil ta' ftehimiet, li jippermetti lil Stat Membru soġġett għal dan il-proċess li jingrana l-veto tiegħu fuq deċiżjonijiet urġenti li jirrikjedu unanimità fil-Kunsill Ewropew; iqis li għandu jkun possibbli li jiġu adottati miżuri ġodda, skont ir-Regolament attwali, għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE b'mod simplifikat fi ħdan l-istess proċedura jekk is-sitwazzjoni li twassal għall-adozzjoni*** ta' ***miżuri ma tkunx ġiet rimedjata jew tkun marret għall-agħar, filwaqt li jiġi żgurat li l-istess kriterji u salvagwardji sostantivi jkomplu japplikaw***;

Emenda 65

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
47. Jitlob lill-Kummissjoni tistabbilixxi portal interattiv li jippermetti liċ-ċittadini,	47. Jitlob lill-Kummissjoni tistabbilixxi portal interattiv li jippermetti liċ-ċittadini,

lir-riċevituri finali u lill-benefiċjarji, u lill-operaturi ekonomiċi, isegwu ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-każijiet ta' kundizzjonalità min-notifika sat-tneħħija eventwali tal-miżuri, sabiex tissaħħaħ it-trasparenza u tiġi pprevenuta l-informazzjoni ħażina; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tippubblika skedi informattivi li juru kull azzjoni futura skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, li jistabbilixxu t-tip u l-valutazzjoni tal-ksur, l-impatt fuq il-baġit tal-UE, u, fejn rilevanti, il-proporzjonalità tal-miżuri proposti tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-informazzjoni rilevanti titqassam lir-riċevituri finali u lill-benefiċjarji kkonċernati u lill-pubbliku ġenerali;

lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lir-riċevituri finali u lill-benefiċjarji, u lill-operaturi ekonomiċi, isegwu ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-każijiet ta' kundizzjonalità min-notifika sat-tneħħija eventwali tal-miżuri, sabiex tissaħħaħ it-trasparenza u tiġi pprevenuta l-informazzjoni ħażina; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tippubblika skedi informattivi li juru kull azzjoni futura skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, li jistabbilixxu t-tip u l-valutazzjoni tal-ksur, l-impatt fuq il-baġit tal-UE, u, fejn rilevanti, il-proporzjonalità tal-miżuri proposti tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-informazzjoni rilevanti titqassam lir-riċevituri finali u lill-benefiċjarji kkonċernati u lill-pubbliku ġenerali;

Emenda 66

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
49. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kapaċità investigattiva ***tagħha*** billi tistabbilixxi roster permanenti ta' esperti speċjalizzati li kapaċi jivvalutaw ksur kumpless tal-istat tad-dritt, u b'hekk tiżgura deċiżjonijiet aktar rapidi u teknikament robusti, u tiżviluppa sistema tal-IT li tippermetti l-identifikazzjoni ta' xejriet jew similaritajiet fir-rapporti riċevuti;	49. ***Iqis li l-Kummissjoni għadha ma żviluppatx bis-sħiħ il-kapaċità amministrattiva meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament; jisħaq li l-istituzzjonijiet tal-UE jeħtiġilhom jiżguraw li l-Kummissjoni tingħata l-mezzi adegwati biex tinfurzah b'mod effettiv; abbażi ta' dak,*** jistieden lill-Kummissjoni ***biex għaldaqstant talloka riżorsi umani xierqa sabiex tinforza r-Regolament u*** ssaħħaħ il-kapaċità investigattiva ***tal-Kummissjoni*** billi tistabbilixxi roster permanenti ta' esperti speċjalizzati li kapaċi jivvalutaw ksur kumpless tal-istat tad-dritt, u b'hekk tiżgura deċiżjonijiet aktar rapidi u teknikament robusti, u tiżviluppa sistema tal-IT li tippermetti l-identifikazzjoni ta' xejriet jew similaritajiet fir-rapporti riċevuti; ***jissottolinja l-ħtieġa ta' kooperazzjoni mill-qrib u strutturata bejn id-Direttorati Ġenerali rilevanti fil-***

Kummissjoni, b'mod partikolari id-Direttorat Ġenerali tagħha għall-Baġit u d-Direttorat Ġenerali tagħha għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi, biex jiġu żgurati l-koerenza u l-komplementarjetà fl-applikazzjoni tar-Regolament;

Emenda 67

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 51a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	51a. Itenni l-proposta tiegħu li jiġi stabbilit mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, li jibni fuq il-proposta tal-Parlament tal-2020; jissottolinja li dan il-mekkaniżmu għandu jkun irregolat minn ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill, li jikkonsisti f'ċiklu ta' monitoraġġ annwali dwar il-valuri tal-UE li jkopri l-aspetti kollha tal-Artikolu 2 tat-TUE, u li japplika b'mod ugwali, oġġettiv u ġust għall-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati kollha tal-UE, appoġġjat minn bord ta' esperti indipendenti li jħejji rakkomandazzjonijiet u jorbothom ma' għodod baġitarji u għodod oħra ta' infurzar, u li jsaħħaħ is-sorveljanza tal-Parlament; jenfasizza li filwaqt li s-sett ta' għodod dwar l-istat tad-dritt disponibbli għall-UE ġie estiż b'mod sinifikanti, l-effettività tiegħu tiddependi mill-applikazzjoni koerenti u konsistenti fl-istituzzjonijiet kollha tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa li, sadanittant, jiġi stabbilit Semestru Ewropew tal-Istat tad-Dritt, li jinkludi struttura ċara bi stadji importanti fissi u kontributi attivi mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE; jissottolinja li, filwaqt li inizjalment kien iffukat fuq l-istat tad-dritt, dan is-Semestru Ewropew tal-Istat tad-Dritt għandu jitfassal b'mod li jippermetti li jiġi estiż progressivament biex ikopri l-valuri kollha minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, filwaqt li jiġi żgurat

approċċ komprensiv u koerenti għall-protezzjoni tal-valuri tal-UE; jissottolinja li dan iċ-ċiklu annwali jrid ikun ibbażat fuq indikaturi solidi u oġġettivi, irid jagħmilha ċara li l-ksur tal-istat tad-dritt qatt ma jkun trivjali, u li kwalunkwe sejba ta' tħassib għandha twassal għal konsegwenzi reali, b'mod simili għall-mekkaniżmu tas-Semestru Ewropew applikat fil-qasam tal-finanzi pubbliċi;

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur għal opinjoni fil-kapaċità tiegħu bħala rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li fl-opinjoni tiegħu ma inkluda ebda kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	5.11.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 52 - : 21 0 : 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Abir Al-Sahlani, Giuseppe Antoci, Jaume Asens Llodrà, Malik Azmani, Pernando Barrena Arza, Nicolas Bay, Ioan-Rareş Bogdan, Krzysztof Brejza, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Mélissa Camara, Susanna Ceccardi, Caterina Chinnici, Alessandro Ciriani, Paulo Cunha, Lena Düpont, Marieke Ehlers, Estrella Galán, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Evin Incir, Paolo Inselvini, Marina Kaljurand, Mariusz Kamiński, Assita Kanko, Fabienne Keller, Mary Khan, Moritz Körner, András László, Murielle Laurent, Fabrice Leggeri, Jeroen Lenaers, Erik Marquardt, Michael McNamara, Ana Catarina Mendes, Verena Mertens, Nadine Morano, Matjaž Nemec, Ana Miguel Pedro, Emil Radev, Ilaria Salis, Birgit Sippel, Petra Steger, Cecilia Strada, Tineke Strik, Tomas Tobé, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Kristian Vigenin, Charlie Weimers, Sophie Wilmès, Alessandro Zan, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Anja Arndt, Konstantinos Arvanitis, David Casa, Kinga Gál, Geadis Geadi, Nikola Minchev, Dolors Montserrat, Javier Moreno Sánchez, Leoluca Orlando, Maria Walsh, Maciej Wąsik
Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali	Isabel Benjumea Benjumea, Robert Biedroń, Henrik Dahl, Elisabetta Gualmini, Martine Kemp, Stefan Köhler, Judita Laššáková, Miriam Lexmann, André Rodrigues, Marjan Šarec

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

52	+
PPE	Benjumea Benjumea Isabel, Bogdan Ioan-Rares, Brejza Krzysztof, Casa David, Chinnici Caterina, Cunha Paulo, Dahl Henrik, Düpont Lena, Kemp Martine, Köhler Stefan, Lenaers Jeroen, Mertens Verena, Montserrat Dolors, Morano Nadine, Pedro Ana Miguel, Radev Emil, Tobé Tomas, Walsh Maria, Zarzalejos Javier
Renew	Al-Sahlani Abir, Azmani Malik, García Hermida-Van Der Walle Raquel, Keller Fabienne, Körner Moritz, McNamara Michael, Minchev Nikola, Sarec Marjan, Wilmès Sophie
S&D	Biedron Robert, Gualmini Elisabetta, Incir Evin, Kaljurand Marina, Laurent Murielle, Mendes Ana Catarina, Moreno Sánchez Javier, Nemec Matjaz, Rodrigues André, Sippel Birgit, Strada Cecilia, Vigenin Kristian, Zan Alessandro
The Left	Antoci Giuseppe, Arvanitis Konstantinos, Barrena Arza Pernando, Galán Estrella, Salis Ilaria
Verts/ALE	Asens Llodrà Jaume, Bricmont Saskia, Camara Mélissa, Marquardt Erik, Orlando Leoluca, Strik Tineke

21	-
ECR	Bay Nicolas, Ciriani Alessandro, Geadi Geadis, Inselvini Paolo, Kaminski Mariusz, Kanko Assita, Wasik Maciej, Weimers Charlie
ESN	Arndt Anja, Khan Mary, Uhrík Milan
NI	Lassáková Judita
PfE	Buxadé Villalba Jorge, Bzoch Jaroslav, Ceccardi Susanna, Ehlers Marieke, Gál Kinga, László András, Leggeri Fabrice, Steger Petra, Vandendriessche Tom

1	0
PPE	Lexmann Miriam

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni